MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Numru 101/2007

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

vs

Stefan Deguara

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 87675(M) akkuzat talli:

- nhar it-02/01/2007 ghall-habta ta’ bejn il-5:00p.m. u 6:00p.m., waqt li kien fl-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra P.C. 300 Alfred Abela, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghti skond il-ligi mill-Awtorità kompetenti.

- talli fl-istess data u matul l-istess hin, waqt li kien f’Had Dingli kif ukoll fl-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, ma obdiex ordnijiet ligittimi moghtija lilu mill-Pulizija u talli kiser il-paci pubblika bl-ghajjat, glied jew b’xorta ohra.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrifletti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Li stante l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat li t-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel wahda.

Rat l-Artikolu 96 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------